MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## FRANCO DEPASQUALE

Seduta tat-18 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 3432/1996/1

**Joanna La Rosa**

**Vs**

**Marion Vella ezercitanti l-kummerc bhala Marion's Beauty and Slimming Salon; u b'digriet tal-Qorti ta' l-14 ta' Lulju 1997 gie kjamat in kawza Godwin Vella.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi fis-7 ta' Frar 1996 l-istanti marret ghand Marion Vella li tezercita l-kummerc bhala Marion's Beauty and Slimming Salon sabiex taghmel Galvanic Treatment u rizultat ta' kif sar dan it-treatment spiccat bi hruq u danni ohra f'saqajha oltre li sofriet danni ohra;

Premess illi dan sehh minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u nuqqas ta' sengha waqt li kien qed isir dan it-Treatment;

Premess illi l-istanti interpellat lill-konvenuta biex tersaq sabiex jigu likwidati d-danni kemm permezz ta' ittra bonarja kif ukoll permezz ta' ittra ufficjali izda dawn gew injorati;

Talbet ghalhekk l-attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenuta responsabbli ghad-danni kollha sofferti mil-istanti rizultat tal-Galvanic Treatment;

2. Tillikwida d-danni okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma hekk likwidata u dikjarata bhala dovuta;

Bl-ispejjez inkluzi Lm23 ta' ittra bonarja u konsulti u dawk ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Ottubru 1996 u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici, il-lista tax-xhieda minnha indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta illi fiha eccepiet:-

1. Illi l-konvenuta ma kienetx responsabbli ghal ebda danni fil-konfront ta' l-attrici;

2. Illi l-konvenuta kienet mara mizzewga u mhix legalment separata u ghalhekk ghandu jigi kjamat fil-kawza zewgha Godwin Vella;

U Ghamlet riserva ghall-eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat id-digriet ta' l-14 ta' Lulju 1997 li permezz tieghu gie kjamat in kawza Godwin Vella;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Mejju 1999 li permezz tieghu gew nominati Dr Francis X Darmanin bhala espert mediku u Dr. Marse-Anne Farrugia bhala espert legali biex ifittxu u jirrelataw dwar il-fondatezza tad-domandi attrici wara li jiehdu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati u jaghmlu l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjonijiet ta' l-imsemmija esperti nominati li jinsabu a fol. 127 *et sequitur* tal-process u li gew minnhom debitament konfermati fl-Udjenza tas-26 ta' Novembru 2002;
Semghet it-trattazjoni tad-difensur ta' l-attrici;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi l-attrici pprezentat din il-kawza biex il-Qorti tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni li hija soffriet meta marret fl-istabbiliment tal-konvenuti biex jinghatalha Galvanic Treatment; hija tikkontendi illi meta poggewlha ma' partijiet minn saqajha *pads* bi sponoz niedja mqabbdin ma' *heating element* hija soffriet marki permanenti f'gisimha u dan kif ikkonferma l-ispecjalista taghha kien dovut ghal *third degree burns*;

Illi minn naha taghha l-konvenuta eccepiet illi hija ma kienetx responsabbli ghal dawn id-danni u illi kienet mizzewga u ghalhekk kellu jigi msejjah ukoll zewgha Godwin Vella li fil-fatt gie kjamat fil-kawza skond ma' jidher mill-atti relattivi u li gie debitament notifikat bl-atti;

Illi oltre ix-xhieda taghha, l-attrici ressqet ukoll lill-espert patologiku Dr. Joe Pace li kkonferma c-certifikati minnu rilaxxati u anki spjega c-cirkostanzi tal-kaz;

Illi fl-affidavit taghha l-konvenuta kkonfermat illi fl-okkazjoni in kwistjoni l-impjegati taghha kienu ghamlu *paddings* ma' riglejn l-attrici u beda t-trattament; meta spicca dan it-trattament u l-attrici bdiet tilmenta hija marret biex "meta ccekkjat rajt marka qisa blister fuq in-naha ta' gewwa ta' koxxitha waqt li fuq il-koxxa l-ohra kellha marka simili imma izghar. Meta staqsejtha hassitx xi hruq La Rosa rrispondiet fin-negattiv, imbaghad ghidt lil Rosette taghmlilha xi ftit antiseptic cream." Il-konvenuta espremiet l-opinjoni illi b'dak li gralha l-attrici "kienet thoss xi ugih u hruq kbir" u spjegat ukoll kif il-parti teknika tal-magna ma kienetx tippermetti li jkun hemm hruq simili "bis-shana naturali tal-magni ma tistax tinharaq; u biex tinharaq kif qed tghid li inharqet Joanna La Rosa weggha ta' hruq thoss zgur.";

Illi jigi rilevat illi ghalkemm l-attrici fid-dikjarazzjoni taghha u anki fl-istqarrijiet taghha kkonfermat illi kienet kitbet lill-konvenuta permezz ta' l-avukat taghha izjed minn darba, il-konvenuta kkonfermat "wara li telqet mis-salon, peress li ma ergajniex smajna minghandha assumejt li dawk iz-zewg marki li kellha fuq koxxtejha kienu marru. Pero` r-risposta hadtha mill-gazzetta li kkagunatli danni sostanzjali kif ukoll telf tal-klijenti";

Illi mir-rizultanzi processwali l-Qorti taqbel mal-konkluzjoni ta' l-espert mediku illi l-griehi *de quo* setghu gew kagunati mill-Galvanic Treatment li inghata lill-attrici u l-Qorti temmen illi ma hemm ebda dubju illi dawna l-feriti gew kagunati bhala rizultat ta' l-istess trattament. U li anke considerando l-atteggjament ta' l-attrici u ta' l-impjegati tal-konvenuta dina l-konvenuta kienet unikament responsabbli ghal griehi li soffriet l-attrici;

Illi dan johrog ukoll mill-konkluzjoni ta' l-abbli espert mediku "*the injury sustained by Ms La Rosa on the 7th February 1996 were full thickness or third degree burns most probably due to prolonged, intense heat generated*

*by the applicator pads used during the galvanic treatment for body slimming. The residual scars are of permanent nature and would require surgery for their improvement.*";

Illi ghalhekk il-Qorti tifhem li l-attrici rnexxielha tipprova li l-hruq u l-feriti li soffriet u li taw lok ghall-procedura odjerna gew ikkagunati esklusivament minhabba xi nuqqas fit-trattament li nghata lill-istess attrici fl-istabbiliment li jappartjeni lill-konvenuti;

Illi dwar il-kwistjoni tad-dizabilita` permanenti l-espert mediku ta l-opinjoni li "*the permanent disability sustained from the burns on both legs is in the region of 2%.*";

Illi ghalhekk skond ic-certifikat rilaxxat mill-imsemmi Dr. Joseph Pace dan huwa "*I establish the disability 'for legal purposes' at 3%*". Irid jigi rilevat li dan ic-certifikat ta' Dr. Pace inhareg f'Ottubru 1996 u skond ir-rapport ta' l-istess konsulent li kien minnu rilaxxat fit-28 ta' Awissu 1996 huwa wera illi s-sitwazzjoni medika ta' l-istess attrici setghet tghaddi ghall-ahjar tant illi huwa stqarr "*while improvement will occur the outlook is uncertain*". Dan iwassal lill-Qorti biex taqbel illi l-figura ta' tnejn fil-mija hija dik li ghandha tigi accettata minn din il-Qorti anki peress illi inghatat kwazi hames snin wara c-certifikat ta' Dr. Pace;

Illi dwar it-tieni talba, il-Qorti taghmel riferenza ghall-konsiderazzjoni ta' l-espert gudizzjarju pero` hemm xi varjazzjonijiet li ghandhom jigu maghmula;

Illi din it-talba trid tigi konsiderata fl-isfond ta' dak li ssottomettiet l-istess abbli relattrici meta qalet "sfortunatament il-ligi ma tikkompensax ghad-danni morali jew ghall-misthija li tista' soffri l-attrici, jew ghaliex thossha skomda, per ezempju, biex tilbes swimsuit. Dawn huma kollha danni morali jew ta' 'pain and suffering' jew 'quality of life' li l-ligi taghna ma tirrikonoxxix";

Illi dwar id-*damnum ermergens* ir-rapport isemmi l-ammont ta' mija u hmistax-il lira Maltija u hamsa u disghin

centezmu (Lm115.95) u fuq dan ma saret ebda referenza fin-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' l-attrici;

Illi in kwantu ghall-kamp tal-*lucrum cessans* l-espert fil-kalkoli taghha kkonsidrat il-multiplier factor ta' tmintax-il sena; l-attrici meta soffriet id-danni kellha tnejn u tletin (32) sena u anki fuq l-iskorta ta' gurisprudenza citata u c-cirkostanzi tal-kaz, ghalkemm il-Qorti ma tarax gustifikata t-talba ta' l-attrici maghmula fin-nota ta' sottomissjonijiet finali taghha, ikun ferm aktar ekwu jekk il-multiplier jigi awmentat ghal erbgha u ghoxrin (24);

Illi anki l-paga ta' l-attrici li fuqha ghandhom jigu kkalkolati d-danni, considerando wkoll li in effetti l-paga taghha fi tlett snin zdiedet b'aktar minn tlett mija u sittin lira (Lm360) dina ghandha titiehed fl-ammont ta' erbat elef lira Maltija (Lm4000);

Illi ghalhekk l-ammont involut fuq l-istess sistema mahduma mill-espert legali, bil-modifiki kif imsemmija ghandha tammonta ghal elf hames mija u sitta u tletin lira Maltija (Lm1536);

Illi dwar il-feriti li garrbet l-attrici l-konsulent Joseph Pace jghid "*the lesions have healed but scarring persists and is likely to be permanent. Plastic surgery might be warranted to improve scars.*" Minn naha tieghu l-espert nominat mill-Qorti Dr. Francis X. Darmanin fir-rapport tieghu jikkonkludi "*the residual scars are of permanent nature and would require surgery for their improvements.*";

Illi fid-dawl ta' dawn l-istqarrijiet il-Qorti ma tistax ma tirriservax favur l-attrici kull azzjoni li jista' jkun opportun li tiehu biex timminimizza aktar l-effetti tal-ferita permanenti li garrbet;

Illi dwar il-posizzjoni tal-kjamat fil-kawza il-Qorti tirrileva li fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha l-konvenuta stqarret "hija mara mizzewga u mhix legalment separata u ghalhekk ghandu jigi kjamat fil-kawza zewgha Godwin Vella", allura iz-zwieg taghhom ghadu vigenti u ghaldaqstant il-Qorti tikkondividi l-konsiderazzjonijiet ta' l-

abbli relattrici fir-rigward, anke tenut kont tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejniethom.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Domanda kif dedotta fic-citazzjoni.

Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici fis-somma ta' elf sitt mija u wiehed u hamsin lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm1651.95) b'dana illi qed tigi riservata lill-attrici kull azzjoni li tkun mehtiega fil-kaz li hija tiddeciedi illi, bhala rizultat tal-feriti minnha sofferti, tissottoponi ruhha ghall-intervent kirurgiku fuq indikazzjoni tal-konsulenti medici;

Tilqa' t-Tielet Domanda u oltre l-imsemmija riserva favur l-attrici ghall-eventwali intervent kirurgiku, tikkundanna lill-konvenuta u lil zewgha Godwin Vella jhallsu s-somma ta' elf sitt mija u wiehed u erbghin lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm1651.95) lill-attrici, bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni;

L-ispejjez kif mitluba fl-istess citazzjoni jithallsu mill-istess konvenuta u zewgha Godwin Vella.

--------------------------------TMIEM--------------------------------